# Il-Ħadd 24.12.2017

1. Illum 24/12, **FILGĦODU - Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex iġibu xi Bambin magħhom.

   Il-Ħadd 24/12, **FILGĦAXIJA - Lejliet il-Milied**:
   - Fil-5:00pm tiftaħ il-knisja u jkollna l-Qrar, u fis-6:30pm quddiesa.
   - Fil-6:00pm tibda l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin għat-tfal kollha organizzata mill-membri tal-MUSEUM li tispiċċa fil-knisja parrokkjali stess fejn issir reċta u kant etċ.
   - Fl-10:30pm tiftaħ il-knisja u fil-11:00pm jibda programm varjat b'reċta u l-priedka tat-tifel, li jwassluna biex f'nofs il-lejl niċċelebraw il-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied animata mill-Kor '*Sine Macula*'. Inħeġġu lit-tfal biex jiġu lebsin l-abjad u jġibu l-qniepen.

2. It-Tnejn 25/12, **Jum il-Milied**:
   - Il-ħin tal-quddies ikun bħal ta' nhar ta' Ħadd.
   - Bejn l-10:00am u s-2:00pm l-istaff u l-voluntiera tal-Caritas-Malta ser ikunu preżenti l-Kurja tal-Arċisqof u jippreparaw ikla għal dawk li jħossuhom waħedhom u jixtiequ ftit kumpanija. Naraw li ħadd ma jispiċċa jħossu waħdu jew minsi f'dan il-jum.

3. It-Tlieta 26/12:
   - **Ħarġa għall-Abbatini**: Fit-8:30am nitilqu minn fejn il-knisja u nkunu lura għas-2:30pm.

4. Il-Ħamis 28/12:
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm, il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali qed jistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Kor 'Sine Macula', in-'Novum Ensemble', u s-Safi Drama Group b'mużika, kant u mimi adatti għal dawn iż-żminijiet. Mhux ta' min jitilfu.

5. Is-Sibt 30/12:
   - Bejn l-10:00am u 12:00pm, l-Arċisqof Charles J. Scicluna u l-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona o.p. ser ikunu l-Kurja fil-Floriana biex jilqgħu lil kulmin jixtieq jagħtihom l-awguri għal dawn il-festi.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa. Nixtiequ li Familji ta' età żgħira jingħaqdu għal ringrazzjament lil Alla f'din il-quddiesa.

6. Il-Ħadd 31/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Mill-5:00pm 'il quddiem jkollna l-Qrar.
   - Fis-6:30pm niċċelebraw l-aħħar tas-sena billi jkollna quddiesa animata mill-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*.
     Il-Ġabra li nagħmlu f'din il-qudddiesa tmur għad-Dar tal-Provvidenza u fl-ewwel tas-sena nippreżentawha waqt l-Open Day. Nafdaw fil-ġenerożità tagħkom.

7. It-Tnejn 1/01/18, **Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**.
   - Il-ħin tal-quddies ikun bħal ta' nhar ta' Ħadd.

8. Avviżi oħra:
   - Mod konkret ta' kif nagħtu rigal li tassew jiswa ħafna hu billi nagħtu d-demm. Inħeġġu ħafna biex nagħmlu dan il-Milied differenti billi nagħtu r-rigal tal-ħajja.

9. Avviżi tal-Kunsll Lokali:
   - Is-Sibt 30/12: Ser isir Party tal-Milied għat-tfal;
   - Il-Ħadd 07/01: ser tkun organizza l-Ikla għall-Anzjani.
     Biljetti jinkisbu mill-Uffiċċju tal-istess Kunsill.
   - Nhar il-Milied il-Borża s-sewda ser tinġabar xorta.
   - Is-Servizz tal-Bulky refuse ser jibda jsir kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt.